

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Tom Tailor GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: O. Gillert, K. Vanden Bossche u B. Köhn-Gerdes, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tas-17 ta' Settembru 2012 (Każ R 729/2011-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Tom Tailor GmbH u Tifosi Optics, Inc.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Tifosi Optics, Inc. għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha, kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) u minn Tom Tailor GmbH.

⁽¹⁾ ĠU C 46, 16.02.2013.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Ottubru 2014 – Cezar vs UASI Poli-Eco (Insert)

(Kawża T-39/13) ⁽¹⁾

["Disinn Komunitarju — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Disinn Komunitarju rreġistrat li jirrappreżenta inserzjoni — Disinn preċedenti — Novità — Karattru individwali — Karatteristiċi viżibbli ta' komponent minn prodott kumpless — Evalwazzjoni tad-disinn preċedenti — Artikoli 3, 4, 5, 6 u l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002"]

(2014/C 409/50)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Cezar Przedsiębiorstwo Produkcyjne Dariusz Bogdan Niewiński (Ełk, il-Polonja) (rappreżentanti: inizjalment M. Nentwig u G. Becker, sussegwentement M. Nentwig, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment F. Mattina, sussegwentement P. Bullock, agents)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Poli-Eco Tworzywa Sztuczne sp. z o.o. (Szprotawa, il-Polonja) (rappreżentanti: inizjalment B. Rokicki, sussegwentement D. Rzazewska, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-UASI tat-8 ta' Novembru 2012 (Każ R 1512/2010-3), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Poli-Eco Tworzywa Sztuczne sp. z o.o u Cezar Przedsiębiorstwo Produkcyjne Dariusz Bogdan Niewiński.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tat-8 ta' Novembru 2012 (Każ R 1512/2010-3) hija annullata.

- 2) L-UASI għandu jbati, barra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti minn Cezar Przedsiębiorstwo Produkcyjne Dariusz Bogdan Niewiński.
- 3) Poli-Eco Tworzywa Sztuczne sp. z o.o. għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 101, 6.4.2013.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Ottubru 2014 – Laboratoires Polive vs UASI – Arbora & Ausonia (DODIE)

(Kawża T-77/13) ⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali DODIE — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti DODOT — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenzja ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Setgħa ta’ bidla”]

(2014/C 409/51)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Laboratoires Polive (Levallois-Perret, Franza) (rappreżentant: A. Sion, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos, aġent)

Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Arbora & Ausonia, SL (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: R. Guerras Mazón, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-31 ta' Ottubru 2012 (Każ R 1949/2011-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Arbora & Ausonia, SLU u Laboratoires Polive.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-31 ta' Ottubru 2012 (Każ R 1949/2011-2), hija annullata.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) L-UASI għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Laboratoires Polive.
- 4) Arbora & Ausonia, SLU għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 108, 13.04.2013.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Ottubru 2014 – Laboratoires Polive vs UASI – Arbora & Ausonia (dodie)

(Kawża T-122/13 u T-123/13) ⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva dodie — Trade marks nazzjonali verbali preċedenti DODOT — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2014/C 409/52)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Laboratoires Polive (Levallois-Perret, Franza) (rappreżentant: A. Sion, avukat)